MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1675/2001/1

**Maltacom Plc**

**vs**

**George u Miriam konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm570.79c (hames mija u sebghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni man-numru telefoniku 236651 (u dan skond kif ma jirrizulta mis-statement immarkat bhal Dok A) liema servizz telefoniku gie nstallat fil-fond Farm House, Hal-Farrug Qormi, (u dan skond ma kif jirrizulta mis-service agreement immarkat bhala Dok B).

Il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lill-Pl Vera Lunghero Mifsud tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm570.79c (hames mija u sebghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu) dovuti ghal servizz telefoniku.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**